# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Frar 2000**

**Numru 63**

**Citaz. numru 1048/92 DS**

Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta\` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Industrial Motors Limited u b'nota tas-27 ta' Gunju 1994 Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti tal-kawza flok Noel Ellul
vs
James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta\` O.F. Gollcher & Sons Ltd., agenti Malta ta' Nippon Yusen Kaisha NYK Line, armaturi tal-vapur AUTO Champ
u
Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 29 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Lulju 1992 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta' Industrijal Motors Limited importat mill-Gappun hamsa u sittin (65) vettura tal-marka Mitsubishi fuq il-vapur AUTO CHAMP, kif jirrizulta mill-annessi zewg poloz ta' kariku markati rispettivament bhala Dok. 1 u Dok. 2;

Peress illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fit-2 ta' Awissu 1991 meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi fuq imsemmija, irrizulta li kien hemm in-nuqqas u hsarat li huma elenkati fis-Schedule tal-Information Form tal-Institute of London Underwriters datata 12 ta' Awissu 1991 anness u markat bhala Dok. 3;

Peress illi ghal dan in-nuqqas u hsara l-assikurazzjoni attrici kif obbligata, hallset is-somma ta' elf mija u erbatax il-lira tmenin centezmu (Lm1114.80,0) li minnhom mitejn u sittin lira (Lm260) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici kif jirrizulta mill-annessa surroga datata 14 ta' April 1992 u markata Dok. 4;

Peress li l-konvenut nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti; u

2. tikkundannahom, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' elf mija u erbatax il-lira tmenin centezmu (Lm1114.80,0) in linea ta' danni sofferti mill-importatur, u sorrogati lill-attur nomine, bl-interessi mill-14 ta' April 1992 fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher nomine fejn qalu:

1. Illi fil-meritu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-responsabbilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine qdew il-funzjonijiet kollha minnhom rikjesta mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont rikjest huwa ghal kollox esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-15 ta’ Dicembru 1992 fejn gie nominat Dr. Anthony Vella bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-16 ta’ Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kaz u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Mill-provi jirrizulta li fit-2 ta’ Awissu 1991 wasal Malta l-vapur Auto Champ li fuqu kien hemm, inter alia, 65 vettura ghas-socjeta` Industrial Motors Ltd. Dawn tnizzlu minn fuq il-vapur fl-4 ta’ Awissu 1991 kif jidher anke mill-*joint tally sheet* esebit mis-socjeta` konvenuta O.F. Gollcher & Sons Ltd. a fol. 21 tal-process u l-*joint tally sheet* esebit minn Peter Bonello ghas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. fis-seduta peritali ta’ l-14 ta’ Settembru 1995. Jigi osservat mill-ewwel li dawn it-*tally sheets* ma jikkontjenu l-ebda rimarka. Dan johloq prezunzjoni li l-vetturi tnizzlu minn fuq il-vapur minghajr hsarat u nuqqasijiet, prezunzjoni li s-socjeta` konvenuta Cargo Handling ma rnexxiliex teghleb.

F’dar-rigward issir referenza ghax-xiehda ta’ Martin Borg, *tally clerk* ghas-socjeta’ konvenuta Gollcher, li kkonferma li l-*joint tally sheet* a fol. 21 tal-process saret minnu u hija ffirmata wkoll mit-*tally clerk* tal-Cargo Handling. Huwa xehed li ma tnizzlet l-ebda rimarka dwar il-karrozzi ghax ma raw li kellhom l-ebda hsara jew nuqqas. Inoltre xehed Michael Chetcuti, senior manager mas-socjeta’ Gollcher, li attenda ghall-hatt tal-karrozzi u hejja rapport Dok. MC1 li esebixxa fis-seduta peritali tas-26 ta’

Mejju 1995 mnejn jirrizulta – u gie kkonfermat minnu – li l-karrozzi tnizzlu bla hsara jew nuqqas vizibbli.

Meta l-karrozzi nhattu, ittiehdu in konsenja mis-socjeta` konvenuta l-ohra Cargo Handling u gew rilaxxati lill-importaturi fis-6 ta’ Awissu 1991. Hawn pero’ gew riskontrati diversi hsarat u nuqqasijiet. Il-*gate pass-outs* Dok. PB2 u PB5 stess jindikaw xi nuqqasijiet. Fil-fatt jirrizulta li l-karrozzi mar jirtirahom Anthony Grech, customer service manager mas-socjeta` importatrici, li xehed li kien hemm in-nuqqasijiet u hsarat elenkati fid-Dok. AG1 li esebixxa fis-seduta peritali tas-26 ta’ Marzu 1993. Xehed ukoll Jean Claude Chetcuti li ghamel survey tal-karrozzi fis-6 ta’ Awissu 1991 qabel ma gew irtirati u hejja s-*survey report* Dok. 3 a fol. 8 tal-process.

Mill-provi prodotti ghalhekk il-Qorti hi soddisfatta li l-hsarat u nuqqasijiet graw meta l-karrozzi kienu taht il-kustodju tas-socjeta` konvenuta Cargo Handling li, kif tajjeb osserva l-perit legali, ma gabet l-ebda prova biex tezimi ruhha mir-responsabbilta`. Il-fatt li x-xhieda tal-Cargo Handling ppruvaw jaghtu ad intendere li l-ispezzjoni tal-karrozzi huma u nizlin minn fuq il-vapur mhijiex xi spezzjoni metikoluza, dan ma jnaqqas xejn mix-xiehda dokumentarja u okulari li eskludiet l-imsemmijin hsarat u nuqqasijiet.

Is-socjeta’ assiguratrici attrici qed titlob rizarciment fis-somma ta’ Lm1114.80, kwantu ghal Lm854.80 li thalsu lis-socjeta` importatrici ghall-hsarat u nuqqasijiet li hija sofriet u kwantu ghal Lm260 *survey fees*. Id-danni ammontanti ghal Lm854.80 gew debitament pruvati, kemm b’rizultat tas-*survey* Dok. 3 (a fol. 8) kif ukoll ta’ l-elenku Dok. AG1. Mid-Dok. 4 (a fol. 9) jirrizulta l-pagament li sar lis-socjeta’ Industrial Motors Ltd. Inoltre s-*survey fees* jirrizultaw mill-istess *survey report* Dok. 3.

Is-socjeta’ konvenuta Cargo Handling eccepiet li l-ammont rikjest huwa ghal kollox esagerat. Pero` ma gabet l-ebda prova biex tirribatti s-somma mitluba mis-socjeta’ attrici li giet debitament sostanzjata minnha. Ghalhekk hija dovuta s-somma mitluba fl-intjier taghha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher nomine u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine, tilqa’ t-talbiet attrici billi

(1) tiddikjara lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. unikament responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferita, u
(2) tikkundanna lill-konvenut Godwin Abela nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1114.80 in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Godwin Abela nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**